# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 652/2021 ISB**

**Kevin Amato (ID: 337173M)**

**Vs**

**Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Kevin Amato**, tal-11 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikkjara li t-trapass taz-zmien li l-proceduri istitwiti kontra ir-rikorrent fl-ismijiet Il-Pulizija vs Kevin Amato, li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Gunju 2021, hadu biex ikunu maghluqa u cioe`*

*trapass ta' sbatax (17)-il sena, kien wiehed li jmur kontra l-principju ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal- Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl- Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

2) *Tindirizza dawn in-nuqqasijiet u ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem b'kumpens gust u dan taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni.*

U dan wara illi ppermetta:

1. *Illi l-esponent tressaq taht arrest nhar l-14 ta' Gunju 2004 akkuzat bir-reat ta' konkussjoni ravvisat fl-Artikolu 112 tal-Kap. 9.*
2. *Illi f'proceduri separati tressaq ukoll Raymond Mifsud.*
3. *Illi nhar it-13 ta' Jannar 2005 l-esponent xehed fil-proceduri kontra Raymond Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, liema xhieda giet ipprezentata ukoll fil-proceduri penali fil-konfront tal-esponent fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2006.*
4. *Illi peress li Raymond Mifsud ukoll kellu proceduri pendenti fil-konfront tieghu b'mod illi effettivament huwa xhud ammisibbli fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 658 tal-Kap. 9 izda f'dan il-kaz japplika ghalih dak dispost ukoll fl-Artikolu 661 tal-Kap. 9.*
5. *Illi meta Raymond Mifsud gie mharrek sabiex jixhed fil-kumpilazzjoni nhar it-18 ta' Lulju 2008 huwa ghazel li jezercita d-dritt lilu moghti fl-Artikolu 643 tal-Kap.9 u fl-Artikolu 5 tal-Kap.319.*
6. *Illi l-Avukat Generali baqa' jinsisti illi dan ix-xhud jixhed fl-istadju opportun u fil-fatt huwa xehed nhar l-10 ta' Jannar*

*2018, proprju erbatax (14)-il sena wara li l-esponent tressaq bl-arrest.*

7. *Illi l-proceduri penali fil-konfront tal-esponent gew konkluzi permezz ta' sentenza moghtija nhar it-23 ta' Gunju 2021 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

8. *Illi l-esponent wara sbatax (17)-il sena gie liberat minn kull akkuza.*

9. *Illi ghal sbatax (17)-il sena shah, l-esponent sofra finanzjarjament u moralment, giet irrovinata r-reputazzjoni tieghu u kellu jara lil familtu issofri minhabba fih.*

10. *Illi d-dritt tal-esponent ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli dam snin twal jigi miksur mill-Avukat Generali.*

11. *Illi ma hemmx ghalfejn jinghad illi r-responsabbilita` m'hija ta' hadd hlief tal-Avukat Generali minkejja li jibqa' jipprova jahsel idejh minnha filwaqt li jilghab bil-hajja tan-nies.*

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għad-19 ta' Jannar 2022 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** intavolata fis-6 ta' Diċembru 2021 (fol 5) li permezz tagħha eċċeppew:

1. *Illi din it-tweġiba qiegħda ssir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-14 t' Ottubru 2021, li ġie nnotifikat lill-Avukat tal-Istat flimkien mar-rikors promotur nhar id-19 ta' Novembru 2021, bi żmien għoxrin (20) jum għar-risposta;*

2. *Illi r-rikorrent qiegħed jallega li l-proċedimenti kriminali fil-konfront tiegħu li ġew konklużi nhar it-23 ta' Ġunju 2021[1] ma twettqux fi żmien raġonevoli, u li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż bi ksur ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju, l-esponent Avukat Ġenerali jeċċepixxi illi mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna dwar allegat dewmien. Illi l-artikolu 181B (2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi: "l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li* ***minħabba n-natura tat-talba*** *ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern". Ta' min wieħed jinnota li a tenur tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa Aġenzija tal-Gvern u mhux dipartiment. Meta dan l-artikolu 181B (2) hawn fuq imsemmi jiġi moqri flimkien ma' l-artikolu 430 (1) tal-Kodiċi Kriminali li jispeċifika: "l-Avukat Ġenerali jista', flimkien mal-Pulizija Eżekuttiva, jipproskewixxi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u huwa l-prosekutur quddiem il-Qorti Kriminali", joħroġ ċar li l-intenzjoni tal-leġislatur meta ġew introdotti l-emendi bis-saħħa ta' l-Att 28 tal-2021, kienet, li quddiem il-Qrati Ċivili, l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Istat;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qegħdin jirrispinġu l-allegazzjoni ta' ksur ta' smigħ xieraq mressqa mir-rikorrent, u l-pretensjonijiet marbutin magħha. Sewwasew fil-każ odjern, l-esponenti ma jqisux li r-rikorrent ġab stampa suffiċjentement fejjieda sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun f'pożizzjoni tifhem iċ-ċirkostanzi tal-każ u serenament*

[1] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija [Supretendent Louise Calleja] vs. Kevin Amato.*

*tiġġudika jekk kienx hemm dewmien inutli, u jekk fl-affermattiv, min u b'liema grad ikkontribwixxa għad-dewmien;*

5. *Illi effettivament, il-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli huma:*

***(i) <u>il-kumplessita' tal-każ</u> –***

*Il-każ kien wieħed kumpless u sensittiv minħabba s-segwenti raġunijiet:*

*(a) Ir-rikorrent kien Kuntistabbli tal-Pulizija stazzjonat ġewwa l-Għassa tal-Ajruport meta ġie mressaq b'numru ta' mputazzjonijiet serjissimi quddiem il-Qorti Istruttorja;*

*(b) L-akkuża prinċipali fil-konfront ta' Kevin Amato kienet relatata ma' traffikar ta' persuni bi skop għal prostituzzjoni. Apparti minn hekk, kien ingħata l-kontinwat fir-rigward tas-segwenti akkużi: li assoċja ruħu ma' xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta, li ta għajnuna jew assistenza lill-awtur Raymond Mifsud, li talab jew irċieva għalih jew għal ħaddieħor xi rigal, wegħda jew offerta' meta kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, u li sar ħati ta' reat li bħala uffiċjal pubbliku kellu jissorvelja li ma jsirx;*

*(c) Peress li l-vittmi kienu ta' nazzjonalita' Russa u l-Ambaxxata Russa skattat l-investigazzjoni, kien hemm element traskonfinali;*

*(d) Kien hemm żewġ akkużati fi proċeduri separati: r-rikorrent Kevin Amato fil-kumpilazzjoni numru 458/2004 u l-akkużat Raymond Mifsud fil-kumpilazzjoni numru 454/2004;*

*(e) Għalkemm il-prosekuzzjoni ħarġet l-artikoli bir-riserva nhar is-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti Istruttorja kienet obbligata li tara li l-akkużat ma jsibx oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja hekk kif provdut fl-artikolu 370 tal-Kap 9 qabel ma tikkonverti ruħha f'Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Kienet obbligata wkoll li tisma' x-xhieda* <u>*kollha*</u> *u t-trattazzjonijiet tal-partijiet, qabel ma tagħti l-ġudizzju tagħha;*

***(ii)*** ***<u>l-aġir tal-partijiet fil-kawża</u>*** **–**

*Illi sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm seduti produttivi, huwa meħtieġ li l-atti tal-proċess kriminali ikunu allegati fil-proċeduri odjerni. Dan sabiex il-ġudikant ikun jista' jikkonstata jekk kienx hemm wara kollox numru ta' seduti li fihom ma seħħ xejn minħabba nuqqas ta' interess fil-proċeduri mir-rikorrent. Jekk jiġi stabbilit illi r-rikorrent b'xi mod ikkontribwixxa għad-dewmien, hemmhekk bir-rispett dovut, ma jkunx jista' kredibilment jilmenta illi kien l-Istat jew xi organu tiegħu li huwa unikament responsabbli li l-proċeduri ma mxewx b'pass iktar imgħaġġel;*

***(iii)*** ***<u>l-aġir ta' l-awtorità ġudizzjarja</u>*** **–**

*Illi sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi nuqqas mill-awtorita' ġudizzjarja, huwa meħtieġ kif ingħad aktar il-fuq, li l-atti tal-proċess kriminali ikunu allegati fil-proċeduri odjerni. B'dan il-mod il-ġudikant ikun jista' jikkonstata jekk il-Maġistrat żammitx seduti b'mod regolari u in konformita' mal-liġi;*

6. *Illi huwa aċċettat illi* ***ma hemm l-ebda time limit statutorju*** *li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti każ kumpless ikollu jingħalaq qabel ma jittelgħu l-provi kollha u l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati rrimedjabilment;*
7. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju l-ilment tar-rikorrent, jrid jiġi ppruvat illi: mhux biss il-proċeduri damu pendenti, iżda li d-dewmien kien wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġja lir-rikorrent fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skond il-Liġi;*
8. *Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti jeċepixxu li ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent u li għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;*
9. *Illi minkejja dakollu hawn fuq espost, jekk din l-Onorabbli Qorti xorta jidrilha illi għandha takkorda lir-rikorrent xi forma ta' kumpens pekunjarju u/jew danni morali, għandu jittieħed kont ta' kemm -il seduta ma sar xejn minħabba raġunijiet kontributorji mputabbli unikament lir-rikorrent u dan il-perjodu għandu jitnaqqas mill-perjodu tal-kwantifikazzjoni;*
10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2022, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jippreżenta permezz ta' nota l-atti relattivi għall-proċedura **Il-Pulizija vs Kevin Amato** deċiża fit-23 ta' Ġunju 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u l-proċess tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Mifsud** deċiża fit-23 ta' Frar 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Rat in-nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali tal-25 ta' Jannar 2022 u li permezz tagħha annetta l-kopji oriġinali tal-proċessi mitlubin;

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2022, xehed minn jeddu r-rikorrent **Kevin Amato** u xehdet **Claire Amato** prodotta mir-rikorrent;

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2022, xehdet is-**Surġent Maria Geraldine Farrugia in rappreżentanza tal-uffiċju tas-salarji fi ħdan il-Korp tal-Pulizija** u ppreżentat dokument (Dok MGF1, fol 25) kif ukoll **Doris Vella Cassia in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei** li ppreżentat kopja tal-fajl mediku tar-rikorrent (Dok DVC1, fol 28);

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2023, xehdet **Simone Cini in rappreżentanza tas-salarji u pensjonijiet tas-Servizz;**

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, xehdet **Stephanie Farrugia in rappreżentanza tal-HR Korp tal-Pulizija**. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li ma kellux aktar provi x'tipproduċi;

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2023, xehdu is-**Supretendent Louise Vella** u **Raymond Aquilina** prodotti mill-intimati;

Rat ulli fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2024, xehed ir-rikorrent **Kevin Amato** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimati li ma kelliex aktar provi x'tipproduċi;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2024, wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Ir-rikorrent **Kevin Amato** fix-xhieda tiegħu jgħid li meta beda l-każ fl-2004 hu kien kuntistabbli tal-pulizija stazzjonat fl-għassa tal-Ajruport ta' Malta. Jispjega li dak iż-żmien hu kien miżżewweġ u kellu erbat' itfal u f'dak iż-żmien martu kienet ukoll membru tal-korp tal-Pulizija.

Jispjega li fl-2004 hu għamel żmien rikoperat l-isptar minħabba *ligament* f'saqajh u ngħata pilloli tal-uġigħ li ried jieħu regolarment sakemm ifieq. Jispjega li meta ġie rilaxxat mill-isptar kienu marru l-Pulizija fir-residenza tiegħu u arrestawh. Jgħid li kien ġie meħud id-*depot* u l-Ispetturi Louise Calleja u Kevin Aquilina nfurmawh li ġie mdaħħal fi traffikar ta' nisa minn barra min Malta. Jispjega li kien ta *statement* li hu ma kien jaf xejn dwar dan u wara kien mar l-Assistent Kummissarju Michael Cassar sabiex jinvestigah. Jgħid li matul dak il-ħin ġie mhedded li jekk mhux ħa jirriżenja mill-Korp tal-Pulizija ma kinux ser jagħtuh il-pilloli tal-uġigħ li kellu bżonn jieħu. Jispjega li l-istess pilloli baqgħu ma ngħatawlux u wara iktar minn ġurnata jissaporti l-uġigħ irriżenja kontra l-volonta' tiegħu bir-riżultanza li l-pilloli ħadhom biss wara sebgħa u erbgħin siegħa, u dana meta tagħthomlu martu wara li kien diġa' tressaq quddiem il-Qorti. Jemfasizza l-fatt li hu kien irriżenja mill-korp kontra l-volonta' tiegħu u dana wara li kien ilu erbatax (14)-il sena fil-Korp tal-Pulizija.

Jgħid li wara li saru l-proċeduri kollha ġie misjub mhux ħati tar-reat li tiegħu kien qed jiġi akkużat. Jispjega li l-proċeduri quddiem il-Qrati Kriminali damu total ta' sbatax (17)-il sena. Jgħid li tul dak iż-żmien kien għamel diversi xogħolijiet żgħar, bħal jassisti lil ħabib tiegħu f'installazzjonijiet tal-*air conditioners* u *taxi driver* sakemm imbagħad, wara għaxar (10) snin mar jaħdem fl-Ambaxxata tal-Kavallieri il-Belt Valletta. Jispjega li mal-Ambaxxata xogħolu kien *driver* mal-Ambaxxatur meta dan ikun f'Malta. Jgħid li darba minnhom, wara li kien ilu xahrejn impjegat, ġie Malta u talbu jwasslu d-*depot* u hemmhekk sejħulu f'uffiċju u ġie nfurmat li ma setax jibqa' mpjegat tal-Ambaxxata minħabba li kellu każ pendenti.

Jispjega li minn hemm reġa' beda jagħmel xogħolijiet żgħar li kien isib. Jgħid li l-problemi familjari bdew jikbru u saħansitra uliedu anke kienu jiġu mgħajjrin. Jgħid li għadu sa llum ma rnexxilux isib xogħol *full-time*. Jispjega li llum qed jagħmel xogħol ta' *housewife*. Jgħid li llum għandu disgħa u erbgħin (49) sena u diffiċli li jsib xogħol.

In kontro-eżami jikkonferma li l-ismijiet tal-ispetturi kienu Louise Calleja u Raymond Aquilina.

Fix-xhieda tagħha, il-mara tar-rikorrenti, **Claire Amato** tgħid li fis-sena 2004 kienet taħdem fil-Korp tal-Pulizija fil-qasam tal-*operation* tad-*Depot*. Tispjega li dakinhar tal-arrest hi kienet xogħol u ġiet mitluba tmur id-dar wara l-Pulizija u meta waslet hemmhekk arrestaw lil żewġha u ħallew lilha mat-tfal, li sa dak iż-żmien kienu kollha taħt l-eta'. Tispjega li kienet irċeviet telefonata li kienu ser iressquh il-Qorti u qabel dik kienet irċeviet telefonata sabiex teħodlu l-pilloli iżda ma tawhomlux. Tgħid li l-pilloli kienu baqgħu għandha sal-ħin li tressaq il-Qorti.

Tgħid li wara dak li kien ġara lil żewġha, hi kienet qalgħet *transfer* u bagħtuha l-għassa ta' San Ġiljan. Tispjega li għaddew minn żmien diffiċli ħafna fejn żewġha ma setax isib xogħol minħabba li kellu każ pendenti u kellha anke tbigħ xi oġġetti prezzjużi sabiex jgħaddu minħabba li paga waħda ma kinitx isservi. Tgħid li t-tfal kienu jiġu mgħajjra b'missierhom u anke soffrew vjolenza. Issostni li l-istess nies, li kienu ġirien tagħhom, anke lilha kienu jgħajjru. Tikkonferma li għadha sa llum fil-Korp tal-Pulizija u waslet biex tagħlaq il-ħamsa u għoxrin (25) sena.

Fix-xhieda tagħha, is-**Surġent Maria Geraldine Farrugia mill-uffiċju tas-salarji fi ħdan il-Korp tal-Pulizija** tgħid li f'każ li membru tal-Pulizija jiġu institwiti kontrih proċeduri kriminali, is-salarju tiegħu jiġi sospiż u jibda jingħata nofs il-paga. Tispjega li jekk dik il-persuna tinsab mhux ħatja jingħata l-kumpens minn naħa tagħhom u ċioe' n-nofs paga li ma tkunx ingħatat.

Mistoqsija x'kien il-grad tar-rikorrent fl-2004 meta rriżenja, tgħid li kien Kuntistabbli. Ix-Xhud ippreżentat kopja tal-FS3 tar-rikorrent għas-sena 2004, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

Fix-xhieda tagħha, **Doris Vella Cassia in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei** ippreżentat kopja tal-fajl mediku tar-rikorrent, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Fix-xhieda tagħha, **Simone Cini in rappreżentanza tas-Salarji u Pensjonijiet tas-Servizz** tgħid li kieku r-rikorrent għamel ħamsa u għoxrin (25) sena servizz, kien jirtira fis-sena 2016 u kien ikollu pensjoni ta' ftit aktar minn elf Ewro (€1,000) fix-xahar. Tikkonferma li llum ir-rikorrent m'għandu ebda pensjoni.

Fix-xhieda tagħha, **Stephanie Farrugia in rappreżentanza tal-HR tal-Korp tal-Pulizija** tgħid li hi tokkupa l-pożizzjoni ta' *Director HR and Strategy Police Department* u hija membru ċivili tal-Korp. Tgħid li r-rikorrent daħal fil-korp fis-16 ta' Diċembru 1991 u rriżenja fl-14 ta' Ġunju 2004 fil-grad ta' *first class police constable.*

Fix-xhieda tagħha, is-**Supretendent Louise Calleja** tgħid li hi tokkupa l-kariga ta' Supretendent tal-Pulizija fis-sezzjoni tal-Immigrazzjoni u ilha tagħmel dan minn Lulju tas-sena 2018. Tgħid li fis-sena 2004 kienet Spettur tal-Pulizija fis-sezzjoni tal-Vice Squad. Tispjega li hi kienet l-Ispettur investigattiv fil-każ tar-rikorrent u persuni oħra u kien daħal rapport fuq ir-rikorrent u persuni oħra u kien hemm investigazzjoni. Tispjega li f'Ġunju tal-2004 kien daħal rapport dwar allegazzjonijiet ta' prostituzzjoni u burdell u wara li kien kellimha l-Assistent Kummissarju Michael Cassar kienu bdew l-investigazzjoni fejn ġew interrogati l-vittmi u kien issemma r-rikorrent u għalhekk fit-12 ta' Ġunju 2004 kien intalab il-mandat t'arrest fil-konfront tiegħu u ġie arrestat.

Mistoqsija dwar x'ġara fir-rigward tal-pilloli tgħid li ma tiftakarx x'ġara eżatt iżda temfasizza li meta persuna jkollu bżonn t'affarijiet mediċi dawn jingħataw

prijorita'. Mistoqsija dwar ix-xhieda tar-rikorrent fejn intalab jirriżenja tgħid li fl-ebda ħin ma kienet involuta fl-inċident tar-riżenja iżda saret taf wara li kien irriżenja volontarjament. Tgħid li hi ma kinitx preżenti għar-riżenja tiegħu.

Mistoqsija dwar ir-raġuni għaliex l-każ tar-rikorrent ħa daqshekk tul biex instema' tgħid li r-raġuni prinċipali kienet li x-xhud prinċipali kien persuna li kellu kawża pendenti fil-konfront tiegħu u għalhekk ma setax jittella' jixhed. Tispjega li dak il-każ kien ġie deċiż u appellat u meta ġie deċiż definittivament kien imbagħad ittella' jixhed, iżda meta ttella' jixhed kien ħassu ħażin u ma xehedx u l-Qorti kienet ħadet id-deċiżjoni li ma tħallihx jixhed.

Fix-xhieda tiegħu, **Raymond Aquilina** jgħid li hu ex-supretendent tal-Pulizija. Jgħid li meta ġara l-każ tar-rikorrent kien Spettur, u kien ġie msejjaħ biex jassisti għall-arrest tar-rikorrent. Jgħid li kienu nterrogawh hu flimkien mal-Ispettur Louise Calleja u fl-ebda ħin ma jiftakar li ġie mitlub xi pillolli jew assistenza medika. Jispjega li l-involviment tiegħu ma kienx fl-arrest dirett iżda fl-istqarrija.

Mistoqsi dwar id-dewmien fil-każ tar-rikorrent jgħid li dan kien kaġun ta' xhud li kien dam biex jinqata' l-proċess tiegħu u għalhekk ma setax jixhed fil-frattemp. Jgħid li x-xhud kien Raymond Mifsud.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mis-sottomissjonijiet finali magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Fit-trattazzjoni tiegħu, ir-rikorrent jibda biex jgħid li l-prinċipji fil-ġurisprudenza dwar xi jwassal għal dewmien huma pjuttost ben assodati u ċioe' jridu jiġu kkunsidrati tliet binarji: (a) il-kumplessita' tal-każ, (b) l-aġir taż-żewġ partijiet u (ċ) x'sofra l-applikant.

Isostni li f'dan il-każ, ir-rikorrent dam sbatax-il sena, li jwassal għal-leżjoni tar-rikorrent tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Jemfasizza li l-każ beda fl-4 ta' Ġunju 2004 u l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fit-3

ta' Ottubru 2018, wara liema data d-difiża għamlet il-każ tagħha, il-każ tħalla għas-sentenza u fis-16 ta' Novembru 2020 ngħatat is-sentenza. Jispjega li dan id-dewmien kien attriwibbli għall-fatt li l-Avukat Ġenerali insista dwar ix-xhieda ta' Raymond Mifsud li kien għandu każ pendenti fil-konfront tiegħu u eżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju.

Jissottometti li l-każ tar-rikorrent ma kienx kumpless u dana stante li ma kienx hemm proċessi kkumplikati li jeżiġu analiżi.

Fir-rigward tal-aġir tal-partijiet, jgħid li r-rikorrent dejjem attenda għall-każ tiegħu u għal erbatax (14)-il sena sħaħ il-kawża kontinwament ġiet differita għar-raġuni fuq esposta. Jgħid f'dan ir-rigward li hemm saħansitra kummenti dwar dan mill-Maġistrat stess li kienet qed tisma' l-kawża. Jemfasizza li tul dan iż-żmien, għalkemm fil-Qorti teżisti l-presunzjoni tal-innoċenza, ma jistax jingħad l-istess għal kif jiġi trattat persuna li f'dan il-każ irriżultaw fi problemi kbar fil-kont bankarju tar-rikorrent.

Jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **David Martinelli vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fit-3 ta' Lulju 2008 fejn ġie ssenjalat ukoll li meta titqies kwistjoni ta' dewmien irid jitqies ukoll lejn x'jista' jitlef ir-rikorrent. Jgħid li l-fatt fih innifsu li r-rikorrent dam sbatax-il sena bl-akkużi tal-kwalita' li kien fuqu, hija biżżejjed biex twassal għal-leżjoni.

Fir-rigward tal-kumpens jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Noel Xuereb vs Avukat Ġenerali** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021 fejn l-applikant ingħata kumpens ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) f'danni morali stante erbatax-il sena stennija. Isostni li f'dan il-każ ir-rikorrenti ġab prova ta' danni pekunjarju li hu sofra konsistenti mhux biss f'telf ta' paga iżda f'telf ukoll tal-pensjoni tas-servizz. Oltre' minn hekk, jargumenta illi sofriet ukoll il-mara tar-rikorrent li ġiet ittrasferita. Ukoll, ir-rikorrent jemfasizza li ressaq prova tad-diffikultajiet kbar li affaċċja minħabba li ma setax isib xogħol bil-konsegwenza li l-familja kollha sofriet. Fir-rigward ta' kumpens non-pekunjarju jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Galea and Pavia vs Malta** fejn il-Qorti Maltija kienet

illikwidat danni morali fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) liema danni ġew awmentati mill-Qorti Ewropea bi sbatax -il elf Ewro (€17,000).

Fit-trattazzjoni finali tagħhom, l-intimati **Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** jibdew biex jgħidu li mhuwiex minnu li d-dewmien fih innifsu iwassal għal-leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.

Isostnu li l-każ in kwistjoni ma kienx wieħed sempliċi kif qed ipinġieħ ir-rikorrent iżda kien fih aspetti kumplessi ta' traffikar ta' persuna kif ukoll ta' prostituzzjoni. Jispjegaw li x-xhud, Raymond Mifsud, li d-depożizzjoni tiegħu kkawżat id-dewmien, kien wieħed essenzjali u dana stante li dan kien filfatt instab ħati tat-traffikar tal-persuni u l-allegazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kienet li għenu minn ġol-korp tal-Pulizija biex jagħmel propju dan. Isostnu li fil-każ ta' Raymond Mifsud, kien hu stess li kkawża d-dewmien bir-riżultat li dam aktar il-każ tar-rikorrent. Jemfasizza li dan ix-xhud kien kruċjali għal prosekuzzjoni, partikolarment minħabba li filwaqt illi inizjalment ir-rikorrent kien għamel ammissjoni tal-fatti fl-intier tagħhom, dan wara rtiraha – jgħidu li kien għalhekk kruċjali li Raymond Mifsud jixhed dwar kellux għajnuna mir-rikorrenti jew le.

Dwar l-aġir tal-partijiet, l-intimati jgħidu li kien hemm diversi drabi meta r-rikorrent talab differimenti għal raġunijiet varji u dana anke qabel ma kienu qed jistennew l-eżitu tal-każ ta' Mifsud u ċioe' bejn l-2004 u l-2009 meta l-Avukat Ġenerali ressaq il-provi kollha tiegħu għajr għal dik ta' Mifsud.

Isostnu li anke jekk semmai hemm ksur, dan m'għandux jingħata danni materjali u lanqas morali u f'dan ir-rigward jirreferu għad-deċiżjoni b'referenza mal-proċeduri ta' **Il-Pulizija vs Patrick Pace** deċiża fil-31 ta' Jannar 2024 kif ukoll **Dr Cedric Mifsud noe vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fid-9 ta' Ġunju 2024. Jispjegaw li l-prinċipju hu li danni monetarji ma jingħatax f'dawn it-tipi ta' kawżi. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fl-ismijiet **John Said pro et noe vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fil-11 ta' Novembru 2011. Oltre' minn

hekk jissottomettu li l-prova miġjuba mir-rikorrent li kien sfurzat jirriżenja ġiet ribattuta mix-xhieda mressqa mill-intimati.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

**<u>Eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur</u>**

L-intimat Avukat Ġenerali fit-tielet eċċezzjoni tiegħu eċċepixxa li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Isostni illi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa l-Avukat tal-Istat li jirrappreżenta l-Gvern u għalhekk ma kienx hemm bżonn l-involviment tal-Avukat Ġenerali li huwa l-prosekutur.

Il-Qorti tosserva ukoll li r-rikorrent jindika b'mod ċar u inekwivoku li d-dewmien fil-każ *de quo* kien propju attriwibbli għall-fatt li l-prosekuzzjoni damet ittella' l-provi u ċioe' għażlet li jinstema' xhud partikolari li ma setax jinstema' għal numru ta' snin minħabba li kellu proċeduri dwar l-istess reati għaddejjin fil-konfront tiegħu. Għalhekk huwa ċar, u bl-ebda mod kontradett mill-intimat Avukat Ġenerali inniffisu, li l-istess Avukat Ġenerali kien parti intergrali mill-proċeduri kriminali li wasslu ghall-ilment hawnekk mismugħ u deċiż, u għalhekk ċertament li l-Avukat Ġenerali għandu interess f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-intimati.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent ma ġiex mogħti smigħ xieraq bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni

ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante d-dewmien fil-proċeduri penali illi huwa għadda minnhom.

L-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħxieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti uimparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunalindipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandhatingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetàdemokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożamentmeħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċitàtista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijietminimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontratiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjonitad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li*

*jħallas l-assistenza legali,din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontratiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhiedafavur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhiedakontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

Il-Qorti tqis dak li qalet hi stess, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha għall-kawża **Ramon Fenech vs L-Avukat tal-Istat**, deċiża fit-28 ta' Ottubru 2022:

*49.B'mod ġenerali dawn iż-żewġ artikoli jidħlu fix-xena: (i) meta ma jkunx hemm qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali; (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża; (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati; (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża; (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet li jkunu qed jitlewmu fil-kawża; (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss; u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni;*

*50.B'żieda ma' dan, f'każijiet ta' proċeduri kriminali, dawn l-artikoli jistgħu jiġu invokati wkoll fejn il-bniedem akkużat: (i) ma jgawdix mill-preżunzjoni tal-innoċenza; (ii) ma jiġix mgħarraf dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu; (iii) ma jkollux iż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża tiegħu; (iv) ma jingħatax id-dritt li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali; (v) ma jgawdix mill-jedd li ma jinkriminax ruħu; (vii) ma jkollux id-dritt li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jikseb l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda tal-prosekuzzjoni; u (viii) ma jingħatax*

*servizzi b'xejn ta' interpretu fl-eventwalità li l-proċeduri kriminali jitmexxew b'ilsien li huwa ma jifhimx;*

Ukoll, illi kif jinghad fin-noti "***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb)***":

> *336. In criminal matters, the aim of Article 6 § 1, by which everyone has the right to a hearing within a reasonable time, is to ensure that accused persons do not have to lie under a charge for too long and that the charge is determined (Wemhoff v. Germany, 1968, § 18; Kart v. Turkey [GC], 2009, § 68).*
>
> *337. The period to be taken into consideration begins on the day on which a person is charged (Neumeister v. Austria, 1968, § 18).*
>
> *340. The Court has held that in criminal matters the period to which Article 6 is applicable covers the whole of the proceedings in question (König v. Germany, 1978, § 98), including appeal proceedings (Delcourt v. Belgium, 1970, §§ 25-26; König v. Germany, 1978, § 98; V. v. the United Kingdom [GC], 1999, § 109;*
>
> *341. The period to be taken into consideration lasts at least until acquittal or conviction, even if that decision is reached on appeal.*
>
> *345. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined in the light of the circumstances of the case, which call for an overall assessment (Boddaert v. Belgium, 1992, § 36). Where certain stages of the proceedings are in themselves conducted at an acceptable speed, the total length of the proceedings may nevertheless exceed a "reasonable time" (Dobbertin v. France, 1993, § 44).*

*346. Article 6 requires judicial proceedings to be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. A fair balance has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement (Boddaert v. Belgium,1922, § 39).*

*347. When determining whether the duration of criminal proceedings has been reasonable, the Court has had regard to factors such as the complexity of the case, the applicant's conduct and the conduct of the relevant administrative and judicial authorities (König v. Germany, 1978, § 99; Neumeister v. Austria, 1968, § 21; Ringeisen v. Austria, 1971, § 110; Pélissier and Sassi v. France [GC], 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, 2004, § 45; Chiarello v. Germany, 2019, § 45; Liblik and Others v. Estonia, 2019, § 91).*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert vs Belgium** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*

*-Ommissis-*

*39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*

Finalment, fil-każ ta' **Zakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali**, tal15 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

> *"In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessità tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre', ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.*
>
> *Inoltre "l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]."*
>
> *Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis iccirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessità tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet."*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fl-isfond ta' dan l-insenjament, huwa paċifiku jingħad illi bejn il-partijiet hemm qbil illi l-allegat leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq minħabba dewmien fil-proċeduri irid ikun evalwat fit-totalita' tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtoritajiet kompetenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Adiletta and Others vs Italy** deċiża fid-19 ta' Frar 1991, fejn il-Qorti qalet:

*The case was of some complexity, in particular at the stage of the preliminary investigation. In addition, the applicants themselves caused delays by several requests for the hearing to be adjourned.*

*Nevertheless, the Court cannot regard as "reasonable" in the instant case a lapse of time of thirteen years and five months.* ***The proceedings were characterised by lengthy periods of inactivity. In particular there was a delay of five years (from January 1975 to January 1980) between the placing of the case in the hands of the investigating judge and the questioning of the accused and witnesses, for which no explanation has been given by the Government.***

Tosserva wkoll dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Tychko vs Russia** deċiża fil-11 ta' Ġunju 2015, fejn il-Qorti qalet:

*65. The Court reiterates that the reasonableness of the length of the proceedings is to be assessed in the light of the particular circumstances of the case, regard being had to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case, the applicant's conduct and the conduct of the competent authorities. On the latter point, what is at stake for the applicant also has to be taken into consideration (see Bakhmutskiy, cited above, § 155, with further references).*

*66. The Court accepts that the proceedings at issue were rather complex, taking into account the nature of the accusations against the applicant and the volume of the case file. However, the Court cannot accept that the complexity of the case, taken on its own, was such as to justify the overall length of the proceedings.* ***The Court further reiterates that the fact that the applicant was held in custody required particular diligence on the part of the***

***courts dealing with the case to administer justice expeditiously*** *(see Chudun v. Russia, no. 20641/04, § 112, 21 June 2011).*

*67.* ***As regards the applicant's conduct, the Court notes the Government's argument that the applicant had to bear responsibility for the delays in the proceedings caused by his appeals against the procedural decisions of the trial court and his requests for adjournments so that he could study the case file. In this connection, the Court considers that the applicant cannot be blamed for taking full advantage of the resources afforded by national law in his defence*** *(see Gubkin v. Russia, no. 36941/02, § 167, 23 April 2009, and Moiseyev v. Russia, no. 62936/00, § 192, 9 October 2008). In any event, the above actions by the applicant do not appear to have contributed to the aggregate length of the proceedings in any significant way.*

*68. As to the Government's arguments to the effect that certain delays in the proceedings were caused by the non-attendance of the participants in the trial, including the applicant, his co-defendant, their representatives and the witnesses, the Court considers that they were attributable to the State. The applicant himself was detained in custody throughout most of the trial and his attendance was dependent on the domestic authorities in charge of transporting him from the remand prison to the courthouse (see Popandopulo v. Russia, no. 4512/09, § 131, 10 May 2011).* ***As to the non-attendance of the other participants in the trial, the Court considers that it was for the trial court to discipline them*** *(see Lamazhyk v. Russia, no. 20571/04, § 116, 30 July 2009, and Sidorenko v. Russia, no. 4459/03, § 34, 8 March 2007).*

*69. The Court also observes, in respect of the conduct of the domestic authorities, that the trial had to start anew on four*

*occasions owing to replacements of the bench in December 2002, March 2005, February and July 2006 (see paragraphs 9, 11, 14, 16 and 18 above), resulting overall in an inordinate delay of four years. It notes the evidence provided by the applicant that the judges who had been replaced in December 2002 and July 2006 following their "resignation" had continued to adjudicate other cases in the District Court at least until 2007.*

*70. Having regard to the above circumstances, the Court considers that the length of the proceedings exceeded a "reasonable time".*

*71. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 on account of the excessively lengthy criminal proceedings against the applicant.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Magħruf dan, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina ukoll dak li rriżulta mill-atti tal-proċeduri kriminali kemm fil-konfront ta' **Raymond Mifsud** u kif ukoll tar-rikorenti **Kevin Amato**.

Illi mill-proċess **Il-Pulizija vs Raymond Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017, jirriżultaw dawn il-fatti saljenti u rilevanti:

**10.06.2004** Raymond Mifsud jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja biex jaffaċċja akkużi relatata ta' traffikar ta' persuni, qligħ minn prostituzzjoni etc;

11.06.2004 Seduta illi fiha tressqu provi prosekuzzjoni;

14.06.2004 Seduta illi fiha tressqu provi prosekuzzjoni;

22.07.2004 Differita fuq talba prosekuzzjoni;

29.07.2004 Trattat l-ħelsien mill-arrest u ngħata digriet;

23.09.2024 Imputat ma kienx notifikat bis-seduta;

18.11.2004 Differita peress illi l-Uffiċjal Pros. kellha mpenji urġenti oħra;

**13.01.2005** Xhiedha prosekuzzjoni u xehed Kevin Amato u ġie verbaliżżat hekk:

*Dr Manuel Mallia għall-imputat jirrileva illi meta kien qed jixhed Kevin Amato, l-Qorti sua sponte ndunat minn dak li zehed fil-bidu nett illi setghu ttiehdu proceduri kontra tieghu u staqsiet lill-prosekuzzjoni dwar dan. L-Ispettur Aquilina nforma lill-Qorti illi kif jista' jikkonferma l-Avukat Joe Giglio li kien jinsab fl-awla dak il-mujment, illi x-xhud kellu proceduri pendenti kontra tieghu u filwaqt illi kien irregistra ammissjoni kien ikkonfrma illi hu kien lest jixhed kontra l-imputat odjern.*

*Il-prosekuzzjoni tirrileva li fil-proceduri kriminali kontra x-xhud Kevin Amato bil-permess tal-Avukat tieghu kien ivverbalizza wara li rregistra l-ammissjoni bikrija li kien lest jixhed meta jkun mitlub li jixhed mill-Pulizija u li jassisti lill-Pulizija fl-informazzjoni li jinhtieg u dan qabel ma jkun deciz il-kaz tieghu biex jibbenifika.*

01.03.2005 Seduta differita għaliex Maġistrat sedenti indispost;

19.04.2005 Tressaq xhud tal-Proskezzjoni;

15.06.2005 Raġunijiet għaliex xhieda prosekuzzjoni ma setgħux jinstemgħu;

16.08.2005 Imputat ma kienx notifikat;

22.09.2005 Tressqu provi prosekuzzjoni;

16.11.2005 Tressqu provi prosekuzzjoni;

05.01.2006 Imputat ma kienx notifikat;

16.02.2006 Tressqu provi prosekuzzjoni u talbet differiment ghall-ahhar xhud tagħha;

**03.05.2006** Xhiedha prosekuzzjoni, **l-Qorti tagħlaq il-provi prosekuzzjoni**;

13.09.2026 Trattat rikors tal-prosekuzzjoni;

14.02.2007 Prosekuzzjoni ma kelliex riferta ta' xhiedha għal kontro-ezami;

11.06.2006 Difensuri ma dehrux – differita għall-aħħar darba provi difiza;

15.11.2006 Dehret biss l-Ispettur Prosekutur – differita provi difiża;

10.12.2006 Qbil bejn partijiet għal differiment minħabba żviluppi li setgħu jaġevolaw u jkunu ta' benefiċċju għall-imputat;

14.01.2009 Qbil bejn partijiet għal differiment sabiex difiża tirregola ruha;

26.02.2009 Akkordat l-aħħar differiment għall-istess skop;

25.05.2009 Differiment fuq talba difiża;

13.07.2009 Differiment fuq talba difiża;

19.10.2009 Differita għaliex xhiedha ma dehrux;

02.12.2009 Differita peress illi kien neċessarju konfront bejn żewġ xhieda;

28.01.2010 Sar konfront u differita għall-provi difiża;

25.02.2010 Talba differiment difiża – akkordat l-aħħar differiment għall-provi difiża;

**08.04.2010** Talba differiment difiża miċħuda, **kawża differita għas-sentenza** bil-fakolta' ta' noti.

**01.03.2012 Tingħata s-sentenza** wara seba' differimenti.

**13.03.2012** Jitressaq **Rikors tal-Appell** quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

28.06.2012 Fuq talba tal-appellant – appell differit;

06.12.2012 Appell differit għas-sentenza;

13.07.2016 Wara ħafna differimenti għal smigħ ta' xhiedha imma predominantament fuq talbiet tad-difiża, il-prosekuzzjoni tressaq nota illi biha tgħarraf lill-Qorti tal-Appell Kriminali illi l-kawża kontra Kevin Amato kienet differita għal 5.10.2016 għal informazzjoni ulterjuri;

26.10.2016 Saru sottomissjonijiet;

**23.02.2017 Tinghata sentenza definittva** mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Minkejja illi din il-Qorti għamlet dan l-apprezzament, b'dana kollu il-Qorti ser tirreferi għad-dikjarazzjoni magħmula minnha stess (kif diversament preseduta) fis-sentenza fil-kawża **Raymond Mifsud vs Avukat Ġenerali** deċiza fis-27 ta' Ġunju 2018, u li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha:

> *Jirrizulta minn ezami tal-atti processwali kriminali li r-rikorrent/imputat gie pprezentat quddiem il-Qorti Istruttorja fil-10 ta' Gunju 2004 u s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (wara li l-Avukat Generali baghat l-artikoli) inghatat fil-1 ta' Marzu 2012 (kwazi tmien snin wara). Ir-rikorrent kien appella fit-13 ta' Marzu 2012 u s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie moghtija fit-23 ta' Frar 2017 (kwazi hames snin wara).* ***B'kollox tlettax il-sena biex il-kawza giet deciza definitivament. Oggettivament dan huwa perjodu twil izzejjed biex kawza kriminali tigi deciza****. Il-Qorti ezaminat il-process kriminali u sabet li l-prosekuzzjoni hadet mill-10 ta' Gunju 2004 sat-3 ta' Mejju 2006 biex ressqet il-provi taghha sakemm il-Qorti ddikjarat li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu gew konkluzi. (Jidher li l-Prosekuzzjoni riedet tressaq xi provi ulterjuri izda l-Qorti tal-Magistrati kienet cahdet it-talba). Jidher li sa dak l-istadju l-proceduri mxew b'mod ragonevoli u kwazi dejjem sar xi haga*

*utili. Id-difiza ressqet il-provi taghha bejn is-7 ta' Settembru 2006 u 9 ta' Gunju 2010. F'dawn l-erba snin l-imputat kien talab tnax (12) il-differiment li fihom ma sar xejn. Il-kawza imbaghad thalliet ghas-sentenza mill-1 ta' Lulju 2010 sal-1 ta' Marzu 2012 fejn il-kawza giet differita ghaxar darbiet (10) ghas-sentenza u waqt is-smigh tal-kumpilazzjoni l-Qorti minn rajha kienet differit il-kawza ghal seba (7) darbiet ohra.*

*Quddiem il-Qorti tal-Appell jirrizulta li l-Qorti tal-Appell imxiet kif suppost u dejjem sar xoghol utili da parti taghha hlief ghall-imputat li talab tlettax (13) differiment fejn ma sar xejn. Jirrizulta li dan il-kaz ma kienx xi wiehed kumpless hafna u n-numru ta' xhieda mismugha kien wiehed zghir.* ***Illi meta dina l-Qorti tikkunsidra kollox ma kollox hija tal-fehma, li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati ikkontribwiet ghad-dewmien fil-proceduri izda principalment kien l-imputat stess li talab b'kollox hamsa u ghoxrin (25) differiment bejn il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell u tawwal il-proceduri irragjonevoment.*** *Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent issa ma jistax jippretendi li nkisirlu xi dritt fundamentali* ***meta hu kien principalment il-kawza tad-dewmien.*** *Jekk kien hemm nuqqas da part tal-Qorti tal-Magistrati, r-rikorrent ma jistax jibbenefika minn ksur minhabba dewmien meta kien hu kien talab 25 differiment u tawwal il-proceduri inutilment.*

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet kif riprodotti, din il-Qorti għalhekk mhix sejra tikkunsidra aktar il-proċeduri **Il-Pulizija vs Raymond Mifsud** għajr għal fatt illi ġie kkostatat illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dak il-każ seta' kellha xi nuqqasijiet li wasslu għad-dewmien illi ma kienx oġġettivament raġjonevoli, liema nuqqasijiet ma swew xejn <u>f'dak</u> il-każ partikolari għar-raġunijiet hemmek mogħtija, iżda din il-Qorti ser tqis <u>dan il-fattur</u> fil-kostatazzjonijiet li għad trid tagħmel l-quddiem fir-rigward ta' dewmien raġjonevoli *o meno* fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Kevin Amato**.

Illi mill-proċess **Il-Pulizija vs Kevin Amato**, deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Novembru 2020, jirriżultaw dawn il-fatti saljenti u rilevanti:

**14.06.2004** Kevin Amato jitressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat fost oħrajn traffikar ta' persuni, qligħ minn prostituzzjoni, akkuzi relatati mal-pożizzjoni tiegħu etc;

F'din is-seduta sar l-eżami tal-imputat fil-preżenza tad-difensur tiegħu u l-imputat wieġeb "***li hu ħati***" u wara illi ngħata żmien biex jirrikonsidra, huwa "***nsista illi jirreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tiegħu***", u ddikjara illi dispost li jixhed fi proċeduri kontra terzi. Kien f'dan l-istadju illi l-Prosekuzzjoni talbet illi ma tingħatax sentenza dak il-ħin imma li l-atti jintbgħatu lill-Avukat Ġenerali.

05.07.2004 Inħarġu l-Artikoli

21.07.2004 Seduta illi fiha nqraw l-Artikoli u l-kawża ġiet differita għall-provi difiża.

06.10.2004 Seduta illi fiha l-imputat iddikjara illi kien qed jistenna li jibgħatu għalih sabiex jixhed f'kawża oħra u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni dwar il-piena u nformazzjoni oħra.

18.01.2005 Seduta illi fiha l-imputat talab li jirregola ruhu dwar talba għal pre-*sentencing inquiry report*.

04.02.2005 Seduta illi fiha il-Qorti orndat in-notifiki meħtieġa sabiex isir il-pre-*sentencing inquiry report* u ddifferiet għall-istess rapport.

20.04.2005 Seduta illi fiha il-probation officer talbet aktar żmien biex tħejji r-rapport.

08.06.2005 Seduta illi fiha ġie preżentat ir-rapport u l-kawza giet differita għat-trattazzjoni.

15.06.2005 Seduta illi fiha l-Qorti akkordat xahar żmien biex il-prosekuzzjoni tippreżenta nota dwar il-piena u ż-żmien lid-difiża biex twieġeb.

**16.11.2005** Seduta illi fiha id-difiża rtirat l-ammissjoni tal-imputat wara illi l-Qorti ġibdet l-attenzjoni illi l-akkuzi kienu jmorru oltre' l-kompetenza tagħha.

05.12.2005 Seduta differita fuq talba prosekuzzjoni.

14.12.2005 Seduta differita peress illi mhux magħruf l-imputat hux notifikat.

25.01.2006 Ma sar xejn għaliex Qorti kienet spovvista mill-proċess u l-imputat indispost.

15.03.2006 Xehed l-Assistent Kummissarju Michael Cassar.

24.04.2006 Ma sar xejn għaliex imputat indispost.

05.06.2006 Xehdet l-Ispettur Louise Calleja.

27.07.2006 Ma sar xejn.

01.09.2006 Nota li permezz tagħha l-prosekuzzjoni ddikjarat xi provi kien fadlilha tressaq, fosthom Raymond Mifsud.

04.09.2006 Ma sar xejn.

16.10.2006 Xehdet WPC51.

22.11.2006 Raymond Mifsud jagħżel li ma jixhidx minħabba proceduri illi kellu pendenti kontra tiegħu.

29.11.2006 Xehdet Claire Attard.

12.01.2007 Ma sar xejn peress illi l-imputat ma dehrex u riferita ma kienx hemm.

26.02.2006 Xehdet Elkina Tatyana.

16.04.2007 Xehed Dr Anthony Cutajar.

05.06.2007 Ma dehrux l-uffiċjali prosekuturi u ma sar xejn.

18.07.2007 Ma deher ħadd mix-xhiedha u ma sar xejn.

23.08.2007 Ma sar xejn peress illi l-imputat kien indispost.

05.09.2007 Xehdu erba' xhieda.

17.10.2007 Xehed Spettur Ray Aquilina u PS647.

19.11.2007 Ma sar xejn peress illi l-proċess ma wasalx mill-AG.

03.12.2007 Ma sar xejn minħabba "*misunderstanding dwar id-data*".

11.01.2008 Ix-Xhud Raymond Mifsud ma deherx.

20.02.2008 Xehed il-Perit R Aquilina u PS239.

04.04.2008 Xehdet WPC51.

19.05.2008 Ma sar xejn peress illi ma deherx l-imputat.

21.05.2008 Xehed Dr Mario Scerri.

30.06.2008 Ix-xhud Raymond Mifsud ma deherx u ma sar xejn.

18.07.2008 Raymond Mifsud għażel li ma jixhidx minħabba proċeduri pendenti kontra tiegħu.

22.08.2008 Ma deher ħadd mill-Prosekuturi ma ma sar xejn.

02.10.2008 Ma sar xejn.

25.11.2008 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

07.01.2009 Il-Qorti tal-Maġistrati ġibdet l-attenzjoni tal-Avukat Ġenerali illi l-proċeduri ma setgħux jibqgħu mdendlin *ad eternum*.

20,02,2009 Ma deher ħadd u ma sar xejn.

27.03.2009 Xehdet Oriana Degauara.

11.05.2009 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

24.06.2009 Ma sar xejn peress illi l-imputat kien indispost.

30.07.2008 Ma sar xejn għax ma deher ħadd.

12.08.2009 Ma sar xejn.

16.09.2009 Il-Qorti nnotat illi kienu saru diversi rinviji sabiex tinstema' persuna li l-proċeduri tagħha kienu għadhom pendenti u għalhekk ma tistax tkompli tisma' dan il-każ minħabba li trid tistenna l-eżitu ta' dik il-kawża.

23.10.2009 Ma sar xejn għax ma dehritx il-prosekuzzjoni.

30.11.2009 Ma sar xejn għaliex ma dehrex l-imputat.

03.03.2010 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

16.06.2010 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti (issa differita għas-sentenza) u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

21.02.2011 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti (differita għas-sentenza) u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

01.06.2021 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti (differita għas-sentenza) u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

05.12.2011 Peress illi x-xhud Raymond Mifsud kien għadu bil-każ tiegħu pendenti (differita għas-sentenza) u ma riedx jixhed – ma sar xejn.

02.05.2012 Qorti mgħarrfa illi kawża kontra Raymond Mifsud kienet deċiza iżda ġiet appellata.

19.11.2012 Kawza kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

24.04.2013 Kawza kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

09.10.2023 Kawza kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

29.11.2023 Kawza kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

02.05.2014 Kawża kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

26.11.2014 Kawża kontra Raymond Mifsud għadha fl-appell u kienu twalu peress illi Raymond Mifsud bidel l-Avukati tiegħu.

12.06.2015 Kawża kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

28.10.2015 Kawża kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

27.01.2016 Kawża kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

05.10.2016 Kawża kontra Ray Mifsud għadha pendenti fl-appell.

08.02.2017 Ma sar xejn għaliex uffiċjal prosekutur kien indispost.

10.04.2017 Qorti ġiet mgħarrfa illi l-proċedui fil-Qorti tal-Appell kontra Raymond Mifsud kienu deċizi.

14.06.2017 Raymond Mifsud kien preżenti biex jixhed iżda ma sar xejn peress illi d-difensur tal-imputat kien indispost.

04.10.2017 Ma sar xejn peress illi l-imputat kien indispost.

10.01.2018 Xehed Raymond Mifsud.

11.04.2018 Ma sar xejn peress illi l-imputat kien indispost.

02.05.2018 Ma sar xejn peress illi ma deherux l-uffiċjali prosekuturi.

06.06.2018 Ma sar xejn għaliex l-ufficjali prosekuturi kienu ndisposti.

04.07.2018 Seduta ma setgħetx issir peress illi l-Avukat difensur kien msiefer.

**03.10.2018** Ingħalqu provi prosekuzzjoni, l-imputat iddikjara illi ma kellux oġġezzjoni li l-kawża titkompla b'mod sommarju u tiġi deċiża mill-Qorti u ġiet differita għal provi difiża.

09.01.2019 Kawża differita fuq talba difiża sabiex id-difensur jieħu konjizzjoni tal-atti kollha.

29.04.2019 Ma sar xejn peress illi l-imputat kien indispost.

02.10.2019 Xehed Raymond Mifsud in kontro-eżami.

04.12.2019 Difiża ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi u l-Qorti tat żmien għan-noti ta' sottomissjonijiet.

16.11.2020 Differita għas-sentenza.

03.03.2021 Il-Qorti kellha bżonn aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza u kawża ġiet differita.

02.06.2021 Il-Qorti kellha bżonn aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza u kawża ġiet differita.

23.06.2021 Tingħata s-sentenza.

Illi jirriżulta għalhekk illi l-imsemmija proċeduri kriminali kontra l-hawnekk rikorrent bdew fl-14 ta' Ġunju 2004 u sas-26 ta' Novembru 2009 instemgħet b'mod regolari. Jirriżulta anke illi fl-istadji inizjali tal-proċeduri kienet ġiet reġistrata l-ammissjoni tal-imputat u kollox kien qed jitħejja sabiex tingħata deċizjoni, meta mbagħad ġiet irtirata dik l-ammissjoni.

Jirriżulta illi madwar Novembru 2009, il-pożizzjoni tal-prosekuzzjoni kienet illi bħala provi kien jonqos li l-Qorti tisma' fl-istadju opportun lil Raymond Mifsud, li ma kienx ammissibbli f'dak il-mument minħabba proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu. Jirriżulta illi eventwalment dan xehed fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018. Minn hemm 'il quddiem id-difiża kellha l-opportunita' illi tippreżenta d-difiża tagħha u finalment ingħatat sentenza fit-23 ta' Ġunju 2021.

Magħrufa l-fatti, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina t-tliet fatturi fuq elenkati li l-Qorti trid tqis fl-evalwazzjoni tagħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

*Il-kumplessita tal-każ*

L-istess noti dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fuq citati ighidu hekk:

> *348. <u>The complexity of a case</u>: it may stem, for example, from the **number of charges**, the **number of people involved** in the proceedings, such as defendants **and witnesses**, or the **international dimension** of the case (Neumeister v. Austria, 1968, § 20, where the transactions in issue had ramifications in various countries, requiring the assistance of Interpol and the implementation of treaties on mutual legal assistance, and persons were concerned, some of whom were based abroad). A case may also be extremely complex where the suspicions relate to "white-collar" crime, that is to say, large-scale fraud involving several companies and complex transactions designed to escape the scrutiny of the investigative authorities, and requiring substantial accounting and financial expertise (C.P. and Others v. France, 2000, § 30). Similarly, a case concerning the charges of international money laundering, which involved investigations in several countries, was considered to be particularly complex (Arewa v. Lithuania, 2021, § 52).*
>
> *349. Even though a case may be of some complexity, **the Court cannot regard lengthy periods of unexplained inactivity as "reasonable"** (Adiletta and Others v. Italy, 1991 § 17, where there was an overall period of thirteen years and five months, including a delay of five years between the referral of the case to the investigating judge and the questioning of the accused and witnesses, and a delay of one year and nine months between the time at which the case was returned to the investigating judge and the fresh committal of the applicants for trial). Moreover, **although the complexity of the case could justify a certain lapse of time, it may be insufficient, in itself, to justify the entire length of the proceedings** (Rutkowski and Others v. Poland, 2015, § 137).*

Il-Qorti ma jirriżultalha bl-ebda mod, la mill-proċess innifsu u lanqas mis-sottomissjonijiet magħmulha mill-partijiet, li l-każ *de quo* kien każ ikkumplikat, anke jekk huwa minnhu illi kien meħtieg id-depozizzjoni ta' persuni barranin u l-akkużi kienu serji u jġorru ċertu piż stante li l-allegazzjoni ċertament li ma kinitx waħda sempliċi. B'danakollu jirriżulta paċifiku jingħad illi l-intopp prinċipali kien propju s-smigħ ta' xhud prinċipali li ma setax jinstema' stante li kien għaddej hu stess minn proċeduri relatati mal-istess reat. Jista' jingħad illi dan il-fatt wassal għal dewmien ta' madwar disa' snin.

B'hekk id-dewmien ċertament li ma jistax jiġi attribwit għall-kumplessita' tal-każ jew jigi ġustifikat bl-istess.

*L-imġieba tal-Qorti*

L-istess noti dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fuq ċitati jgħidu hekk:

> *353. The conduct of the relevant authorities: Article 6 § 1 imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements (Abdoella v. the Netherlands, 1992, § 24; Dobbertin v. France, 1993, § 44). This general principle applies even in the context of the far-reaching justice system reforms and the understandable delay that might stem therefrom (Bara and Kola v. Albania, 2021, § 94). 354. Although a temporary backlog of business does not involve liability on the part of the Contracting States provided that they take remedial action, with the requisite promptness, to deal with an exceptional situation of this kind (Milasi v. Italy, 1987, § 18; Baggetta v. Italy, 1987, § 23), the heavy workload referred to by the authorities and the various measures taken to redress matters are rarely accorded decisive weight by the Court (Eckle v. Germany, 1982, § 92). 355. Similarly,* ***domestic courts bear responsibility for the non-attendance of the relevant participants (such as witnesses, co-accused, and representatives),*** *as a result of*

> *which the proceedings had to be Guide on Article 6 of the Convention – Right to a fair trial (criminal limb) European Court of Human Rights 69/134 Last update: 29.02.2024 postponed (Tychko v. Russia, 2015, § 68). On the other hand, domestic courts cannot be faulted for a substantial delay in the proceeding caused by an applicant's state of health (Yaikov v. Russia, 2015, § 76). 356.* ***What is at stake for the applicant must be taken into account in assessing the reasonableness of the length of proceedings.*** *For example, where a person is held in pre-trial detention, this is a factor to be considered in assessing whether the charge has been determined within a reasonable time (Abdoella v. the Netherlands, 1992, § 24, where, the time required to forward documents to the Supreme Court on two occasions amounted to more than 21 months of the 52 months taken to deal with the case (Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 2014, §§ 70-71). However, the very fact that the applicant is a public figure and that the case attracted significant media attention does not, in itself, warrant a ruling that the case merited priority treatment (Liblik and Others v. Estonia, 2019, § 103).*

Il-Qorti tqis illi jemerġi b'mod ċar mill-atti tal-proċess tal-każ ta' Kevin Amato, illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) appuntat seduti b'mod regolari u kienu diversi d-drabi li anke ġibdet l-attenzjoni tal-uffiċjali prosekuturi li kien ilha tikkonċedi differiment wara l-ieħor sabiex jittella' x-xhud indikat mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti tqis ukoll pero' illi dan il-fatt relatat mal-proċeduri kriminali li kien għaddej minnhom ix-xhud Raymond Mifsud ma kienx l-uniku raġuni għad-dewmien fil-proċeduri, peress illi jirriżultaw numru ta' differimenti oħra għal raġunijiet oħra diversi, uħud imputabbli lill-prosekuzzjoni u oħrajn lid-difiża.

L-insenjament fuq ċitat ta' **Tychko v Russia** jistipula li hija l-Qorti li għandha tiddixxiplina lill-partijiet f'dan ir-rigward. Din il-Qorti, għalkemm fil-prinċipju taqbel ma' dan l-insenjament, tqis li l-Qorti madanakollu ma tistax tipprekludi parti milli ġġib il-provi li tixtieq meta hemm raġuni valida dwar għaliex dawn

mhux jinġiebu. F'dan il-każ ir-raġuni kienet li x-xhud ewlieni kien qiegħed jistenna ġustizzja u għalhekk kellu d-dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu – raġuni li din il-Qorti tqisha valida.

Għalhekk din il-Qorti tqis li d-dewmien da parti tal-Qorti fil-każ tar-rikorrent kien wieħed ġustifikat u ċertament li kwalunkwe dewmien mhux ġustifikat ma jistax jiġi attribwit għall-imġieba tal-Qorti f'dan il-każ.

*<u>L-imġieba tal-partijiet</u>*

L-istess noti dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fuq ċitati jgħidu hekk:

> *350. <u>The applicant's conduct</u>: Article 6 does not require applicants to cooperate actively with the judicial authorities. Nor can they be blamed for making full use of the remedies available to them under domestic law. However, **their conduct constitutes an objective fact which cannot be attributed to the respondent State and which must be taken into account in determining whether or not the length of the proceedings exceeds what is reasonable** (Eckle v. Germany, 1982, § 82, where the applicants increasingly resorted to actions likely to delay the proceedings, such as systematically challenging judges; some of these actions could even suggest deliberate obstruction; Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda., and Others v. Portugal, 2014, § 48).*
>
> *351. One example of conduct that must be taken into account is the applicant's intention to delay the investigation, where this is evident from the case file (I.A. v. France, 1998, § 121, where the applicant, among other things, waited to be informed that the transmission of the file to the public prosecutor was imminent before requesting a number of additional investigative measures).*
>
> *352. An applicant cannot rely on a period spent as a fugitive, during which he sought to avoid being brought to justice in his own country.*

> *When an accused person flees from a State which adheres to the principle of the rule of law, it may be presumed that he is not entitled to complain of the unreasonable duration of proceedings after he has fled, unless he can provide sufficient reasons to rebut this presumption (Vayiç v. Turkey, 2006, § 44).*

Stabbilit li d-dewmien prinċipali kien attribwit għall-fatt li l-uffiċjali prosekuturi riedu jressqu xhud ewlieni li kien qed jaffaċċja hu stess proċeduri kriminali, din il-Qorti tqis li l-imġieba tal-prosekuzzjoni, safejn jikkonċerna dan, bħala raġonevoli u fl-interess tal-ġustizzja – wara kollox huwa ċar f'moħħ il-Qorti li l-prosekuzzjoni kienet taf li mingħajr dik ix-xhieda, il-każ tagħha kien monk u li għalhekk it-tfittxija tal-Qorti għal-verita' ma setgħetx issir b'mod adegwat jekk ma jixhidx Raymond Mifsud. Il-Qorti tqis irrelevanti l-fatt illi l-eżitu finali tal-proceduri kien illi l-akkuzat ġie liberat.

Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis illi l-imġieba tal-prosekuzzjoni f'dan il-każ ta' Kevin Amato seta' jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

Il-Qorti tqis b'danakollu illi, anke jekk il-prosekuzzjoni kienet qed taġixxi b'mod korrett u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, pero' id-dewmien li kien hemm fil-proċeduri kontra Raymond Mifsud affettwaw u mpattaw fuq il-proċeduri ta' Kevin Amato u l-Qorti tqis illi dan iwassal għal leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent.

Kif fuq jingħad u ġja ġie kkwotat, hija din il-Qorti stess kif diversament preseduta, li waslet għal konklużjoni li fil-proċeduri kontra Raymond Mifsud kien hemm nuqqasijiet da parti tal-Qrati li kkontribwew għad-dewmien, iżda f'dak il-każ ma waslux sabiex id-drittijiet ta' Raymond Mifsud jiġu leżi, u dana stante li fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqasijiet ta' l-istess Mifsud kienu ferm akbar minn dawk tal-Qrati.

Madanakollu, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-każ ta' Kevin Amato, il-Qorti tqis illi s-sitwazzjoni hija differenti, peress illi Kevin Amato ma seta'

qatt ikollu ebda kontroll fuq id-dewmien fil-proċeduri ta' Mifsud, liema dewmien kellhom mbagħad impatt fuq il-proċeduri tiegħu.

Il-Qorti tqis illi dan huwa każ tipiku ta' dewmien bla bżonn, dewmien esaġerat ta' prożeduri ġjudizzjarji illi jkollu mpatt mhux biss fuq il-partijiet konċernati, imma anke fuq terzi affettwati. U dan il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tiegħu fil-kuntest tal-fatt illi trid tieħu konjizzjoni tat-totalita' tal-proċeduri.

Il-Qorti tħossha ukoll doveruża tappella sabiex jekk veru hemm ħsieb għal tibdil leġislattiv sabiex il-proċedura peżanti tal-kumpilazzjoni kif inhi llum tinbidel, allura dan isir mingħajr wisq aktar dewmien, peress illi anke dan l-istat ta' fatt ma jgħinx sabiex il-proċeduri penali jitmexxeww b'ħeffa kif jixraq. Kif kienet qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Noel Xuereb vs Avukat Ġenerali et,** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021:

> *Il-konklużjoni hi li dan hu każ klassiku li jħammar wiċċ l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u jkompli jikkonferma kemm hemm bżonn li llum qabel għada l-leġislatur ibiddel is-sistema attwali u fl-istadju tal-kumpilazzjoni jagħti iktar poter lill-Qorti biex il-kontroll dwar ġbir tal-provi jkun totalment f'idejn il-qorti u mhux regolat mill-pass, ħafna drabi, kajman tal-prosekuzzjoni.*

Magħdud dan kollu għalhekk, din il-Qorti tqis li d-dewmien fil-kawża ta' Raymond Mifsud kellha l-effett li ddilungat il-każ tar-rikorrent b'madwar tmien (8) snin, li l-Qorti tqis illi **kkawżat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Għal finijiet tar-rimedju, ir-rikorrenti qiegħed jitlob "*kumpens giust*". Dan qed jitlobu fil-kuntest biss tad-dikjarazzjoni mitluba ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq minħabba t-trapass ta' zmien, 17 il-sena biex inqata' kaz kriminali tiegħu. M'hemm ebda talba oħra.

Huwa paċifiku jingħad illi l-għoti ta' kumpens huwa fakultattiv għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista', f'xi każijiet isservi bħala rimedju.

Min-naha l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens, dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Fis-sentenza tagħha għall-kawża fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited vs Awtorità tal-Ippjanar**, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

> *Kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza.*

Il-Qorti trid tibda biex tirreferi għas-sottomissjonijiet tar-rikorrent, u partikolarment fejn dan jaċċenna għad-danni pekunjarji. Filwaqt illi dawn ma jaqgħux fil-kuntest tat-talbiet illi għandha quddiemha l-Qorti, peress illi kif fuq jingħad, it-talba hija limitatament għal dikjarazzjoni li d-dewmien ikkawża leżjoni ta' d-dritt ta' smigħ xieraq, b'dana kollu il-Qorti ser tirreferi għalihom u mhux ser tħallihom inosservati.

Ir-rikorrent jirreferi ghat-terminazzjoni sfurzata tiegħu minn mal-Korp tal-Pulizija u l-effetti li din kellha fuqu, fuq il-familja tiegħu u anke l-pensjoni tiegħu. Filwaqt illi d-difensur tiegħu jsostni illi "*talbuħ jirrezenja u ppressawħ biex jirrezenja*", il-Qorti għandha rizervi kbar dwar dan, tenut kont illi, u dan qed jingħad b'rispett sħiħ lejn is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, kemm fl-istatement illi r-rikorrent irrilaxxja lill-Pulizija u kif ukoll fl-istadji inizjali tal-proċeduri, addirittura mal-preżentata, fil-preżenza tal-istess difensur u wkoll

wara li ngħata l-opportunita' illi jirrikonsidra l-ammissjoni, u għal kważi sentejn wara, huwa ammetta l-akkużi kontra tiegħu. Il-Qorti ftit tifhem għaliex membru tal-korp tal-pulizija illi jkun ammetta involviment tiegħu f'attivita' kriminali ta' traffikar ta' persuni għandu jkun sfurzat jirriżenja. F'ċirkostanzi bħal dawk, is-serjeta' u d-dinjita' ta' uffiċjal tal-korp għandha twasslu għar-riżenja, mhux sfurzata, imma volontarja. Il-Qorti ma' tistax taċċetta li persuna/uffiċjal tal-korp tal-Pulizija li jkun ammetta involviment fi prattiċi kriminali serji jgħid illi kien sfurzat jirreżenja u ssib tali sottomissjoni bħala nfondata. Fi kwalsiasi każ, li kieku huwa minnu illi r-rikorrent ħass illi kien sfurzat jirriżenja, ċertament illi kellu r-rimedji ordinarji li seta' jieħu skond il-liġi fir-rigward.

Dwar l-allegati żewġ inċidenti ta' meta r-rikorrent kien xufier ma' ambaxxatur u tkeċċa minħabba l-proċeduri pendenti kontra tiegħu, il-Qorti mhix tibbubita dawn l-akkaduti, anke jekk huma nieqsa d-dettalji ta' meta dawn seħħew, liema dettalji jistgħu jkunu rilevanti peress illi dawn l-akkaduti setgħu seħħew fil-perjodu ta' kważi sentejn sakemm kellha tingħata s-sentenza fuq l-ammissjoni li mbagħad ġiet rtirata, b'dana kollu, mogħti l-benefiċċju tad-dubbju, il-Qorti ma tqis illi inċident wieħed jew tnejn iżolati fuq trapass ta' 17-il sena proċeduri jistgħu jikkonvinċu lill-Qorti li għandha tasal biex tikkunsidra takkorda kumpens pekunjarju għal telf ta' xogħol minħabba li r-rikorrent ma sabx xogħol minħabba l-proċeduri kriminali li kien qed jaffaċċja.

Huwa għalhekk illi l-Qorti mhux ser takkorda danni pekunjarji.

Issa, il-Qorti tqis illi ma teżisti l-ebda formula ta' kif Qorti tillikwida l-kumpens non-pekunjarju u għalhekk kull Qorti għandha teżercita d-diskrezzjoni tagħha.

Fil-każ odjern, il-Qorti qed tqis illi fil-proċeduri "Il-Pulizija vs Kevin Amato" kien hemm trapass ta' zmien sakemm il-Qorti kellha tasal għad-deċiżjoni fuq l-ammissjoni tiegħu stess, liema ammissjoni ġiet sussegwentament irtirata u b'hekk dak il-ħin kien inħela għal xejn, imma fi kwalunkwe każ, ukoll illi kien hemm numru ta' seduti, anke wara illi xehed Raymond Mifsud, illi fihom ma sar xejn għal raġunijiet kultant mputabbli lid-difiża. Qed tqis pero' illi finalment ir-rikorrenti ġie liberat mill-akkużi kontra tiegħu u t-trapass ta' żmien żejjed,

f'ċirkostanzi fejn "*il-presunzjoni tal-innoċenza m'hijiex biżżejjed fil-ħajja ta' kuljum barra l-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja*" (Vide Kaz Noel Xuereb fuq riferit) żgur illi timpatta ħazin fuq l-individwu. Il-Qorti qed tqis ukoll illi r-rikorrent ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri l-oħra kontra Raymond Mifsud illi finalment wasslu għas-sejbien tal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti. Finalment, illi 17 il-sena biex tinqata' kawżi kriminali huwa ċertament żmien twil esaġerat.

Wara li l-Qorti qieset il-fatturi kollha li ssemmew f'din is-sentenza, kif ukoll il-fatt li għall-perjodu kollu li matulu r-rikorrent kien qed jistenna li l-każ tiegħu jiġi konkluż fl-ebda mument ma kien imċaħħad mil-liberta' tiegħu, il-Qorti ser tillikwida l-kumpens **non-pekunjarju** fis-somma ta' ħamest elef ewro (€8,000).

**Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tgħaddi biex : -**

1. **Tiddikjara li t-trapass taż-żmien u d-dewmien esaġerat u rraġonevoli li ttieħed sabiex jinstemgħu l-proċeduri "Il-Pulizija vs Kevin Amato" jammonta għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**
2. **Tiddikjara lill-intimati in solidum bħala responsabbli għad-dewmien imsemmi.**
3. **Tillikwida, f'kumpens non-pekunjarju, is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000).**
4. **Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000).**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tal-intimati.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**